**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 309 tat-12 ta' Marzu 2020 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Adrian Delia, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "B'rabta mal-imxija tal-Corona Virus u s-sitwazzjoni preżenti fil-pajjiż jien bħala Kap tal-Oppożizzjoni qed nitlob lilek sabiex tikkonsidra li l-Aġenda parlamentari tal-lum tiġi sospiża ħalli l-Parlament ikollu l-opportunità li jiddiskuti din il-materja li hija ta' importanza nazzjonali, pubblika u urġenti.
>
> Dan ukoll skont l-Ordni Permanenti 13."

Is-Sedja mill-ewwel tixtieq tirrileva li s-Sedja rċeviet kopja ta' din l-ittra tliet minuti qabel bdiet is-seduta tal-lum, permezz ta' messaġġ fuq Whattsapp. Is-sedja qiegħda tqis din l-ittra bħala d-dikjarazzjoni li għandha tiġi ppreżentata skont l-Ordni Permanenti 13 u li normalment tinqara' mill-proponent tal-mozzjoni taħt l-Ordni Permanenti 13.

Is-Sedja tixtieq tirrileva wkoll li l-materja imqajma mill-Kap tal-Oppożizzjoni ġiet imqajma fil-Kamra diversi drabi kif jirriżulta f'Seduta 306 tad-9 ta' Marzu 2020 fejn il-Viċi Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa kien ikkommetta ruħu illi jagħmel stqarrija ministerjali u jwieġeb għal mistoqsijiet li jsirulu, fil-jiem ta' wara. Din il-materja kienet fil-fatt suġġett ta' żewġ stqarrijiet ministerjali f'din il-Kamra, senjatament f'Seduta 299 tas-17 ta' Frar 2020 u Seduta 307 tal-10 ta' Marzu 2020, u dan allura sa jumejn ilu.

Fis-seduta tal-lum stess waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, speċifikament taħt PQ 13191, saru diversi domandi dwar din il-materja, inkluż mill-Kap tal-Oppożizzjoni, inkluz lill-Ministru Michael Falzon.

Is-Sedja, wara li qieset il-fatturi li ġew sollevati fil-Kamra miż-żewġ naħat, jidhrilha li għandha ssegwi l-prattika kostanti li ġiet sostnuta matul is-snin f'diversi deċiżjonijiet konnessi mal-invokazzjoni ta' dan l-Ordni Permanenti 13.

Qabel xejn is-Sedja tirrileva li kull talba li titressaq taħt l-Ordni Permanenti 13 jeħtieġ li tissodisfa tliet rekwiżiti:

a) li tkun materja definita;
b) ta' importanza pubblika; u
ċ) urġenti.

Filwaqt li s-Sedja tikkondividi l-preokkupazzjoni espressa mill-Kap tal-Oppożizzjoni fl-ispjega tal-ittra li ssottometta llum stess li l-materja mqajma *ai fini* tal-Ordni Permanenti 13 hija definita u ta' importanza pubblika, hija ttenni li hija tassattivament marbuta proċeduralment bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u kif dawn ġew applikati b'mod kostanti u regolari minn Speakers oħra qabli – partikolarment dwar l-aħħar kweżit. Kif diġà ddikjarat minn din is-Sedja u minn diversi

Speakers, meta tiġi biex tikkkonsidra l-element ta' urġenza, hija mhux biss tara jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattitu jsir fi stadju ulterjuri. Is-Sedja ma tarax li f'dan l-istadju dan huwa l-każ, anke għaliex il-materja inkwistjoni qiegħda tiżvolġi minn ħin għall-ieħor.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi s-Sedja ma tħossx li għandha tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni.

Il-Kamra għalhekk issa se tkompli bix-xogħol tagħha.